5.2. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem fi speċjalitajiet kliniċi oħra bħala parti mit-taħriġ tagħha. Hi tista' tkun trid tieħu sehem fl-attivitajiet akkademiċi u ta' taħriġ inkluż riċerka u verifika, u f'laqgħat ta' l-*Accident and Emergency Department*. Hi tista' tkun mistennija wkoll li tkun involuta fl-immaniġġjar ta' l-*Accident and Emergency Department* u li terfa' responsabbilitajiet amministrattivi meta jinħtieġ.

5.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tieħu responsabbiltajiet maniġerjali fuq il-post tax-xogħol meta tkun qed taqdi dmirijietha. Dan jinkludi:

(a) Koordinazzjoni u superviżjoni tat-tobba *junior* li jkunu qed jaħdmu biex jimmaniġġjaw il-volum tax-xogħol skond l-urġenza, u l-prevenzjoni ta' dewmien mhux aċċettabbli fil-kura ta' pazjenti fil-kategorija 2 u 3.

(b) Tnaqqis ta' konġestjoni u ffullar billi tassigura li l-*Protocols* tad-Dipartiment dwar it-tmexxija ta' pazjenti jkunu implimentati kontinwament.

Hi trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi ta' emerġenza akuti aktar komplikati u timmaniġġjahom u trid tiżviluppa l-ħila klinika tagħha. Hi tkun responsabbli direttament lejn il-Konsulent inkarigat mid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency*.

5.4. Id-dmirijiet u responsabbilitajiet ewlenin tal-post huma

call service in accordance with an established roster which will include night duty. This roster will take into consideration training requirement as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will form part of the Department of Accident and Emergency and is accountable to the Consultants and ultimately to the Chairman of the Accident and Emergency Department.

5.2. The appointee may be required to carry out duties in other Clinical Specialties as part of the training. He/She may be required to participate in teaching and academic activities including research and auditing, and meetings of the Accident and Emergency Department. He/She may also be expected to be involved in the management of the Accident and Emergency Department and to take administrative responsibilities when necessary.

5.3. The appointee will be expected to take managerial responsibilities on the shop-floor during duty. This includes:

(a) Co-ordination and suspension of the available junior doctors to manage the workload according to urgency and prevention of unacceptable delays in providing treatment to the patients in category 2 and 3.

(b) Reduction of congestion and overcrowding by ensuring that Departmental Protocols regarding patient flow are continuously implemented.

He/She should be able to diagnose and manage more complicated acute emergencies and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in charge, Accident and Emergency Department.

5.4. The principal duties and responsibilities of the post

s-sehem fl-għoti ta' kuljum ta' kura ta' emerġenza fil-livell xieraq ta' dan il-grad, għall-pazjenti li jattendu l-*Accident and Emergency Department* fl-Isptar San Luqa. Dan jinkludi:

a) arranġamenti għad-dħul fl-isptar, għal *discharges* u *referrals* ta' pazjenti, u koordinazzjoni ma' speċjalitajiet kliniċi oħra kif xieraq.

b) xogħol ta' proċeduri kif meħtieġ (bħal *reduction of fracture/dislocations,* punti, inseriment ta' *central lines, chest drains*) kif meħtieġ.

ċ) attendenza għal *review clinics* kif meħtieġ.

d) attendenza għall-*ward rounds* kemm ma' tobba anzjani kif ukoll waħedha fl-*Emergency Admission Units* u fl-*Observation Units* kif meħtieġ.

e) assigurazzjoni li r-*records* tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw.

f) superviżjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom rreġistrati u ta' *Senior House Officers* u parteċipazzjoni fit-taħriġ tagħhom u ta' l-istudenti tal-mediċina li jkunu qed jaħdmu fid-Dipartiment, skond kif ikun xieraq.

ġ) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ.

ħ) jaħdmu flok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor.

i) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha u warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa.

j) obbligu li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent.

5.5. Il-persuna nominata tkun mistennija li turi ħila li timplimenta l-proċeduri terapewtiċi immedjati meħtieġa f'każi akuti ta' emerġenza ta' mediċina, kirurġija u trawma u *resuscitations*.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

are participation in the daily provision of emergency care at a level appropriate to the grade for patients attending at the Accident and Emergency Department at St. Luke's Hospital. This includes:

a) arranging admissions, discharges and referrals of patients, and liaison with other Clinical Specialities as appropriate.

b) undertaking procedures (such as reduction of fracture/dislocations, sutures, insertion of central lines, chest drains) as necessary.

c) attending review clinics as required.

d) attending and undertaking ward rounds at the Emergency Admission Units and Observation Units as required.

e) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible.

f) supervision of the work of pre-registration House Officers and Senior House Officers and participating in their training, and that of medical students attached to the department, as appropriate.

g) providing resident on-call services as required.

h) providing cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave.

i) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liaise closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood.

j) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

5.5. The appointee will be expected to show capability of carrying out the necessary immediate therapeutic procedures in acute medical, surgical and traumatic emergencies and resuscitations.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-*Accident and Emergency Medicine and Surgery* (e.g. FRCS (A&E) jew kwalifika komparabbli xierqa approvata) u sentejn esperjenza ta' wara r-reġistrazzjoni fl-*Accident and Emergency Department;*

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of a higher postgraduate qualification in Accident and Emergency Medicine and Surgery (e.g. FRCS (A&E) or an approved appropriate comparable qualification) and two years post-registration experience in the Accident and Emergency Department;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be

jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, fi 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet

attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 5th May 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 5th May 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number

u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-11 ta' April, 2006

of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

11th April, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Registrar* fid-Dipartiment tal-Kirurġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' *Registrar* fid-Dipartiment tal-Kirurġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Registrar* għandu salarju ta' Lm7,148 fis-sena li jiżdied b'Lm256 fis-sena sa massimu ta' Lm8,684 (Skala ta' Salarju 6).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tipprovdi servizz residenti *on-call* skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Siegħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm il-darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Registrar in the Department of Surgery in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from qualified Medical Practitioners for the posts of Registrar in the Department of Surgery in the Health Division.

2. The post of Registrar carries a salary of Lm7,148 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,684 (Salary Scale 6).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which will include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. Il-persuna nominata tkun tagħmel parti mid-Dipartiment tal-Kirurġija u tkun taqa' taħt il-Konsulenti u fl-aħħarnett taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment.

5.2. Il-post ta' *Registrar* jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ mediku fid-Dipartiment tal-Kirurġija u huwa adattat għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fil-Kirurġija. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji tal-mediċina li jkunu determinati miċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Kirurġija u li jieħdu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ mediku tar-*Registrar*, kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi mistennija li tieħu parti fl-attivatijiet akkademiċi u ta' taħriġ u f'laqgħat tad-Dipartiment tal-Kirurġija.

5.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *Senior House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi ta' kirurġija aktar komplikati u timmaniġġhom u trid tiżviluppa l-ħila tagħha fil-Kirurġija. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti. Id-dmirijiet u responsabbilitajiet ewlenin tal-post huma kif ġej:

a) tieħu sehem billi kuljum tipprovdi l-kura fil-kirurġija ta' rutina u ta' emerġenza għall-livell xieraq ta' dan il-grad, għal dawk rikoverati fl-isptar San Luqa. Dan jinkludi ordni ta' investigazzjoni u ta' tibdil fit-trattament skond kif hi tħoss meħtieġ, taħt is-supervizzjoni tal-konsulent;

b) attendenza għall-*ward rounds* kemm mal-Konsulent kif ukoll waħedha skond kif meħtieġ;

ċ) attendenza għall-*outpatient clinics* kif meħtieġ;

d) arrangament għad-dħul fl-isptar u tħejjija ta' *discharge summaries* u ta' kull korrispondenza mal-*General Practitioners*, kif xieraq;

e) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

f) assigurazzjoni li r-*records* tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

g) superviżjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom reġistrati u ta' *Senior House Officers* u parteċipazzjoni fit-taħriġ tagħhom u ta' l-istudenti tal-Mediċina li jkunu qed jaħdmu fil-*firm*, skond kif ikun xieraq;

h) tipprovdi servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

i) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

j) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija

5.1. The appointee will form part of the Department of Surgery and will be accountable to the Consultants and ultimately to the Chairman of the Department.

5.2. The post of Registrar forms an integral part of the medical training programme of the Department of Surgery and is suitable for candidates wishing to pursue a career in Surgery. The appointee may be required to rotate within the various medical specialities as determined by the Chairman of the Department of Surgery in a way which will take into account both the Registrar's medical training requirements as well as the exigencies of the service. He/She will be required to participate in teaching and academic activities and meetings of the Department of Surgery.

5.3. The appointee is expected to continue with the duties of the Senior House Officer but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated surgical problems and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in charge of the patients. The principal duties and responsibilities of the post are as follows:

a) participation in the day to day provision of routine and emergency surgical care at a level appropriate to the grade for in-patients at St.Luke's Hospital. This includes ordering investigations and changing treatment as heċshe feels necessary, under the supervision of the Consultant.

b) attending and undertaking ward rounds as required.

c) attending outpatient clinics as required.

d) arranging admissions and the preparation of discharge summaries and any correspondence to General Practitioners as appropriate.

e) liaison with patients' relatives.

f) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible.

g) supervision of the work of pre-registration House Officers and Senior House Officers and participating in their training, and that of medical students attached to the firm, as appropriate.

h) providing resident on-call services as required.

i) providing cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave.

j) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must

trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

k) obbligu li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent.

l) il-persuna magħżula tkun trid tuża s-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.4. Il-persuna nominata tkun mistennija li turi ħila li tagħmel il-proċeduri terapewtiċi meħtieġa f'każi ta' *acute surgical emergencies*.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-*General Surgery* (e.g. MRCS jew kwalifika approvata komparabbli) u sentejn wara r-reġistrazzjoni ta' esperjenza

liaise closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood.

k) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

l) the appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

5.4. The appointee will be expected to show capability of carrying out the necessary therapeutic procedures in acute surgical emergencies.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of a higher postgraduate qualification in General Surgery (e.g. MRCS or an approved comparable qualification) and have two years postregistration experience

fil-*General Surgery* jew fis-*subspecialities* tagħha;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi Indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għazla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippuBblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-rizultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

in General Surgery or its subspecialities;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), fi 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Mejju 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Mejju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-11 ta' April, 2006

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 5th May 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 5th May 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

11th April, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Għalliema fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg

B'riferenza għas-sejħa ta' l-applikazzjonijiet maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 17904 ta' l-4 ta' April 2006 biex jimtlew il-postijiet imsemmija, ngħarrfu li l-paragrafu 9 irid jaqra kif ġej:

Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax*, jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' April 2006 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni huwa +356-21 225630).

Il-11 ta' April, 2006

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Teacher in the Education Division within the Ministry of Education, Youth and Employment

With reference to the call for applications issued in the Government Gazette No 17904 of the 4th April 2006 for the filling of the posts in caption, it is notified that paragraph 9 is to read as follows:

Applications received from abroad through a fax, or other similar message, by noon of Friday, 28th April 2006 will be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Education Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Education Division is +356-21 225630).

11th April, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Riżultat għall-Post ta' Inġinier *Junior (Mechanical)* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex), Ministeru għal Għawdex

Id-Direttur tal-*Customer Services* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-11 ta' April, 2006

MINISTRY FOR GOZO

Result for the Post of Junior Engineer (Mechanical) in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital), Ministry for Gozo

The Director Customer Services notifies that the result for the above mentioned post has been published and can be viewed on the notice-board of the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

11th April, 2006

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultati ta' l-Intervisti għall-Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati għall-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Reġistratur, Kunsill Mediku
Uffiċjal Mediku *(General Practice)*

Il-11 ta' April, 2006

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Results of Interviews for Posts in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the results of the interviews for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Registrar, Medical Council
Medical Officer (General Practice)

11th April, 2006

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Pitkalija

Id-Direttur ta' l-Agrikoltura jgħarraf li peress li nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' April, 2006 hija festa pubblika, il-Pitkalija se tiftaħ nhar l-Erbgħa, it-12 ta' April, 2006 kif ġej:-

Bdiewa	7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Xerrejja	1.00 p.m. 'il quddiem
Pubbliku	4.00 p.m. 'il quddiem

Il-11 ta' April, 2006

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Opening Hours of the Pitkali Market

The Director of Agriculture notifies that as Friday, 14th April, 2006, is a public holiday the Pitkali Market will be open on Wednesday, 12th April, 2006 as shown hereunder:-

Farmers	7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Buyers	from 1.00 p.m. onwards
The public	from 4.00 p.m. onwards

11th April, 2006

FORZI ARMATI TA' MALTA

Matul ix-xahar ta' Mejju 2006, il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar attiv mill-*ranges* ta' Pembroke fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:-

Mit-Tlieta it-2 ta' Mejju sal-Ġimgħa l-5 ta' Mejju 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn it-8 ta' Mejju sal-Ġimgħa t-12 ta' Mejju 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn il-15 ta' Mejju sal-Ġimgħa d-19 ta' Mejju 2005 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn it-22 ta' Mejju sal-Ġimgħa s-26 ta' Mejju 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn id-29 ta' Mejju sa l-Erbgħa l-31 ta' Mejju 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l hinn mix-xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Waqt l-isparar se jittellgħu bnadar ħomor mil-limiti tar-*ranges*.

Il-11 ta' April, 2006

ARMED FORCES OF MALTA

During the month of May 2006, the Armed Forces of Malta will be holding a live firing practice at Pembroke Ranges on the dates and timings indicated hereunder:

Tuesday 2nd May to Friday 5th May 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Monday 8th May to Friday 12th May 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Monday 15th May to Friday 19th May 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Monday 22nd May to Friday 26th May 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Monday 29th May to Wednesday 31st May 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke coast during the above dates and timings.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

11th April, 2006

DIPARTIMENT TA' L-AVJAZZJONI ĊIVILI

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd li ma ngħatawx kuntratti mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu, 2006.

Il-11 ta' April, 2006

CIVIL AVIATION DEPARTMENT

It is notified for general information that no contracts were awarded by the Civil Aviation Department during the period between 1st January and 31st March, 2006.

11th April, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-18 ta' April, 2006 għal:

CT 43/2006. Provvista, stallazzjoni u sapport ta' apparat tan-*network* għall-*Campus Network* għall-Sptar Mater Dei – Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Frar 2006. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 44/2006. Provvista ta' pilloli *ropinirole* 5mg – Dipartiment tas-Saħħa.

Advt. No. Exp 04/06. Service of a Medical Doctor

The appointee would be on call for all MCAST employees in Malta and Gozo. Proposals, including availability, fees and other relevant information are to be submitted in a sealed envelope, marked Advt. No. EXP 04/06. Service of a Medical Doctor.

Further information can be obtained from the Purchasing Officer on Telephone Number 23987000. Tenders should be deposited in the appropriate tender box at the MCAST Administration Block, Corradino Hill, Paola, by not later than Wednesday, 19th April 2006 at 2.00 p.m.

Late offers will not be accepted.

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantegeous offer.

11th April, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, is-27 ta' April, 2006, fil-Kaxxa ta' l-Offerti li tinsab ħdejn it-Taqsima tas-Servizzi Finanzjarji (Kamra 130), Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin f'envelop indirizzat minn qabel, għal:-

Avviż Nru. F.S.B. 06/06. Provvista ta' *photoshop V.9 site licences* għaċ-Ċentru tat-Tagħlim ta' l-ICT tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mis-Servizzi tal-Finanzi, Kamra 137 tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

Is-7 ta' April, 2006

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that:-

Sealed tenders should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Tender Box, located near the Financial Services Branch (Room 130), Education Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Thursday, 27th April, 2006, for:-

Advt. No. F.S.B. 06/06. Supply of photoshop V.9 site licences for the ICT Learning Centre of the Education Division.

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of tender document.

Tenders should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Financial Services, Room 137 of the Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

7th April, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-25 ta' April, 2006, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. PSQ 03/06. Kwotazzjoni għal *textbooks* Franċiżi.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mit-Taqsima tal-*Procurement,* Kamra 144 tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'*envelope* indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet fit-Taqsima tal-*Procurement* (Kamra 144), Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana.

Il-11 ta' April, 2006

EDUCATION DIVISION

The Director General of Education notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. on Tuesday, 25th April, 2006, for:-

Quot. No. PSQ 03/06. Quotation for French textbooks.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Procurement Section, Room 144 of the Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Quotation Box, located at the Procurement Section (Room 144), Education Division, Floriana.

11th April, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-2 ta' Mejju, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. PS 16/06. Provvista ta' servizzi ta' *catering* fil-*hostel* ta' l-istudenti f'Marsaxlokk (YSO).

Għandu jithallas dritt ta' Lm10 ma' kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mit-Taqsima tal-*Procurement,* Kamra 144 tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

L-offerti għandhom ikunu magħluqa f'*envelope* indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa ta' l-Offerti fit-Taqsima tal-*Procurement* (Kamra 144), Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana.

It-Taqsima tal-*Procurement* u Amministrazzjoni tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni tgħarraf li persuni interessati jistgħu jattendu u jaraw il-ftuħ u l-iskedar ta' l-Offerti fid-data u l-ħin imsemmi.

Il-11 ta' April, 2006

EDUCATION DIVISION

The Director General of Education notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 2nd May, 2006, for:-

Advt. No. PS 16/06. Provision of catering services for the students' hostel at Marsaxlokk (YSO).

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of the tender document.

Offers should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Procurement Section, Room 144 of the Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

Tenders should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Tender Box, located at the Procurement Section (Room 144), Education Division, Floriana.

The Procurement and Administration Branch of the Education Division notifies that interested parties may attend and witness the opening and scheduling of Tenders on the appointed date and time.

11th April, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi sal-11.00 a.m. nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Mejju 2006, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. SB BSS/01. Uniformijiet ta' l-iskola.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kondizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jinkisbu għall-ħlas ta' Lm5 mill-Kulleġġ San Benedittu Sekondarja tas-Subien, Triq San Ġwann, Ħal Kirkop f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel u jintefgħu fil-kaxxa tal-kwotazzjonijiet fl-iskola msemmija hawn fuq.

Il-11 ta' April, 2006

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. of Friday, 5th May 2006 for:

Quot. No. SB BSS/01. School uniforms.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained against a fee of Lm5 from Kulleġġ San Benedittu Boys' Secondary, Triq San Ġwann, Kirkop on any working day between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the quotation box located at the above mentioned school.

11th April, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Espressjoni ta' Interess għal 'Textbooks' għad-Disinn u t-Teknoloġija għas-Settur Secondarju (*Forms* 1, 2 u 3)

Id-Dipartiment tat-Teknoloġija fl-Edukazzjoni qiegħed fi proċess li jintroduċi s-suġġett tad-Disinn u t-Teknoloġija fis-Settur Sekondarju.

Id-Dipartiment tat-Teknoloġija fl-Edukazzjoni permezz tad-Dipartiment tal-Kurrikulum għandu l-intenzjoni li jixtri t-*textbooks* meħtieġa għal dan is-suġġett.

Id-Direttur *Curriculum Management* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jistieden awturi, pubblikaturi, aġenti u distributuri tal-kotba sabiex jissottomettu kopja ta' kotba tad-Disinn u t-Teknoloġija (skemi jew serje tagħhom) għall-finijiet ta' evalwazzjoni. Il-kotba sottomessi taħt din is-sejħa għandhom jiġu akkumpanjati bi kwotazzjoni li tkopri l-prezz fi kwantità.

Il-partijiet interessati li jixtiequ jikkonsultaw is-Sillabus tad-Disinn u t-Teknoloġija sabiex ikunu jistgħu jevalwaw u jqabblu l-ħtiġiet, jistgħu jiġbru kopja tiegħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana.

Il-kotba sottomessi għandhom jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Ikunu konformi mal-prinċipji u linji-gwida tal-Kurrikulum Minimu Nazzjonali.

2. Għandhom jilqgħu l-ħtiġiet ta' l-iżgħar *forms,* jiġifieri *forms* 1, 2 u 3 (komparabbli ma' *Key Stage 3* tar-Renju Unit).

EDUCATION DIVISION

Expression of Interest for Design and Technology Textbooks for Secondary Sector (Forms 1, 2 and 3)

The Department of Technology in Education is in the process of introducing the subject of Design and Technology in the Secondary Sector.

The Department of Technology in Education through the Curriculum Department intends procuring the required textbooks for this subject.

The Director Curriculum Management in the Education Division invites authors, publishers, book agents and book distributors to submit one copy of Design and Technology textbooks (schemes or series of) for evaluation purposes. Books submitted under this call should be accompanied by a quotation covering quantity price.

Interested parties who would like to consult a copy of the Design and Technology Syllabus to be able to evaluate and compare the requirements, may collect one from the Customer Care Section of the Education Division Floriana.

The books submitted must satisfy the following conditions:

1. Be in conformity with the principles and guidelines of the National Minimum Curriculum.

2. Must cater for the lower forms i.e. Form 1, 2 and 3 (comparable to the U.K.'s Key Stage 3).

3. Huwa mixtieq illi dawk li jfornu l-kotba jissottomettu ktieb wieħed li jkopri l-erba' oqsma tas-suġġett, jiġifieri ***Resistant Materials, Electronics, Food*** u ***Textiles***, kif muri fis-sillabus tad-Dipartiment.

4. Ktieb ta' riżorsi għall-għalliema huwa kkunsidrat utli għall-iskema.

5. It-test għandu jkun bl-Ingliż.

6. L-iskemi tal-kotba għandhom ikopru l-ispektru wiesa' ta' ħiliet li jeżisti fl-Iskejjel Sekondarji tagħna billi jiġu użati metodi differenti f'dak li hu tagħlim u investigazzjoni.

7. Riferenza għall-*ICT* fid-Disinn u t-Teknoloġija hija komponent essenzjali fil-metodoloġija moderna tat-tagħlim.

8. Għandhom jinkludu fihom eżempji bħala mudelli.

Il-Kotba għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis, il-11 ta' Mejju, 2006:
lill-Bord ta' l-Għażla tat-*Textbooks*
Ċentru għat-Tagħlim tad-Disinn u t-Teknoloġija,
In-Naxxar
Tel. Nru.21 431 408

Il-kotba sottomessi jingħataw lura lill-fornitur wara li jkun għadda perjodu raġonevoli ta' analiżi u tingħata rċevuta.

Il-11 ta' April, 2006

3. It is desirable that suppliers submit one textbook to cover **Resistant Materials, Electronics, Food and Textiles** as outlined in the Department's syllabus.

4. A teacher's resource book is considered as an added asset to the scheme.

5. The text must be in English.

6. The schemes of books must cater for a range of abilities found in our Secondary Schools using different teaching, learning and investigative approaches.

7. Reference to ICT in Design and Technology is an essential component of modern instructional methodology.

8. Contain model examples.

Books are to be submitted, against a receipt, by not later than Thursday, 11th May, 2006 to the:
Textbook Selection Board,
Design and Technology Learning Centre,
Naxxar
Tel.. No. 21 431 408

Books submitted will be returned to the supplier/s after a reasonable review period.

11th April, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Espressjoni ta' Interess għal 'Textbooks' għad-Disinn u t-Teknoloġija għas-Settur Secondarju (*Forms* 4 u 5)

Id-Dipartiment tat-Teknoloġija fl-Edukazzjoni qiegħed fi proċess li jintroduċi s-suġġett tad-Disinn u t-Teknoloġija fis-settur Sekondarju.

Id-Dipartiment tat-Teknoloġija fl-Edukazzjoni permezz tad-Dipartiment tal-Kurrikulum għandu l-intenzjoni li jixtri t-*textbooks* meħtieġa għal dan is-suġġett.

Id-Direttur *Curriculum Management* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jistieden awturi, pubblikaturi, aġenti u distributuri tal-kotba sabiex jissottomettu kopja ta' kotba tad-Disinn u t-Teknoloġija (skemi jew serje tagħhom) għall-finijiet ta' evalwazzjoni. Il-kotba sottomessi taħt din is-sejħa għandhom jiġu akkumpanjati bi kwotazzjoni li tkopri l-prezz fi kwantità.

EDUCATION DIVISION

Expression of Interest for Design and Technology Textbooks for Secondary Sector (Forms 4 and 5)

The Department of Technology in Education is in the process of introducing the subject of Design and Technology in the Secondary Sector.

The Department of Technology in Education through the Curriculum Department intends procuring the required textbooks for this subject.

The Director Curriculum Management in the Education Division invites authors, publishers, book agents and book distributors to submit one copy of Design and Technology textbooks (schemes or series of) for evaluation purposes. Books submitted under this call should be accompanied by a quotation covering quantity price.

Il-partijiet interessati li jixtiequ jikkonsultaw is-Sillabus tad-Disinn u t-Teknoloġija sabiex ikunu jistgħu jevalwaw u jqabblu l-ħtiġiet, jistgħu jiġbru kopja tiegħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana.

Il-kotba sottomessi għandhom jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Ikunu konformi mal-prinċipji u linji-gwida tal-Kurrikulum Minimu Nazzjonali.

2. Għandhom jikkonsistu f'sett ta' erba' (4) kotba u għandhom jilħqu l-ħtigiet ta' l-ogħla *forms* jiġifieri *form* 4 u 5 (komparabbli ma' *Key Stage 4* tar-Renju Unit).

3. Is-sett ta' erba' kotba huwa intenzjonat li jkun konformi mal-programm ta' studju u għandu jkopri l-erba' oqsma differenti tas-suġġett separatament jiġifieri ***Resistant Materials, Electronics, Food*** **u** ***Textiles***.

4. Is-sett ta' kotba għandu jinkludi fih ukoll kotba ta' riżorsi għall-għalliema. Riżorsi oħra huma kkunsidrati bħala ta' vantaġġ miżjud.

5. L-iskema tal-kotba sottomessi għandha tkopri s-sillabus għall-eżami tas-SEC (SEC 33) kif speċifikat mill-Bord tal-Matsec.

6. It-test għandu jkun bl-Ingliż.

7. L-iskemi tal-kotba għandhom ikopru l-ispektru wiesa' ta' ħiliet li jeżisti fl-Iskejjel Sekondarji taghna billi jiġu użati metodi differenti f'dak li hu tagħlim u investigazzjoni.

8. Riferenza għall-ICT fid-Disinn u t-Teknoloġija hija komponent essenzjali fil-metodoloġija moderna tat-tagħlim.

9. Għandhom jinkludu fihom eżempji bħala mudelli.

Il-Kotba għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis, il-11 ta' Mejju, 2006:

lill-Bord ta' l-Għażla tat-*Textbooks*
Ċentru għat-Tagħlim tad-Disinn u t-Teknoloġija,
In-Naxxar
Tel. Nru. 21 431 408

Il-Kotba sottomessi jingħataw lura lill-fornitur wara li jkun għadda perjodu raġonevoli ta' analiżi u tingħata rċevuta.

Il-11 ta' April, 2006

Interested parties who would like to consult a copy of the Design and Technology Syllabus to be able to evaluate and compare the requirements, may collect one from the Customer Care Section of the Education Division Floriana.

The books submitted must satisfy the following conditions:

1. Be in conformity with the principles and guidelines of the National Minimum Curriculum.

2. Must consist of a set of four(4) and to cater for the upper forms i.e. form 4 and 5 (comparable to the U.K.'s Key Stage 4).

3. The set of four books is intended to match the programme of study and covers the four different areas separately i.e. **Resistant Material, Electronics Food and Textiles.**

4. The set of books must include teachers' resource books. Other resources are considered as an added asset.

5. The scheme of books submitted must cover the syllabus for the Sec Examination (SEC 33) as set by the Matsec Board.

6. The text must be in English.

7. The schemes of books must cater for a range of abilities found in our Secondary Schools using different teaching, learning and investigative approaches.

8. Reference to ICT in Design and Technology is an essential component of modern instructional methodology.

9. Contain model examples.

Books are to be submitted, against a receipt, by not later than Thursday, 11th May, 2006 to the:

Textbook Selection Board,
Design and Technology Learning Centre,
Naxxar
Tel. No. 21 431 408

Books submitted will be returned to the supplier/s after a reasonable review period.

11th April, 2006

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

Iċ-*Chairman*, Malta Industrial Parks Ltd, jgħarraf illi:

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, id-19 ta' April 2006, fl-uffiċċji tal-Malta Industrial Parks Ltd, UB8 Park Industrijali ta' San Ġwann, San Ġwann, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. MIP/TQF/GEN/D08/06. Xogħlijiet ta' bini fuq ġewwa u fuq barra ġo fabbriki f'Bulebel, il-Marsa, Kordin, Ħal Far u *parks* industrijali oħra.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. MIP/TQF/GEN/D07/06. Tiswijiet fuq pjanċi tal-metall tas-soqfa, kanali eċċ, lill-fabbriki f'diversi *parks* industrijali.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti u tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mingħand l-uffiċċji tal-Malta Industrial Parks Ltd, UB8 Park Industrijali ta' San Ġwann, San Ġwann, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

Il-11 ta' April, 2006

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

The Chairman, Malta Industrial Parks Ltd, notifies that:

Sealed tenders will be received at the offices of the Malta Industrial Parks Ltd., UB8 San Ġwann Industrial Park, San Ġwann, up to 10.00 a.m. on Wednesday, 19th April 2006, for:–

Advt. No. MIP/TQF/GEN/D08/06. Internal and external building works in factories at Bulebel, Marsa, Kordin, Ħal Far and other industrial parks.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Advt. No. MIP/TQF/GEN/D07/06. Repairs to steel roof sheeting, gutters etc, to factories at various industrial parks.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Forms of tenders and further information may be obtained from the offices of the Malta Industrial Parks Ltd., UB8 San Ġwann Industrial Park, San Ġwann, on any working day from 8.30 a.m. to 11.30 a.m.

11th April, 2006

DIPARTIMENT GĦAS-SERVIZZI KORPORATTIVI

Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali jgħarraf illi sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Mejju, 2006 jintlaqgħu offerti magħluqin fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment, li tinsab fis-Sular ta' Fuq (ħdejn kamra 417) fi 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, għal:-

Avviż Nru. 1/2006. Xiri jew kiri ta' magni *pressure seal* għal *Information Management Unit* fi dħan il-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali.

Dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru bi ħlas ta' Lm20 mit-Taqsima tal-Finanzi tad-Dipartiment f'Nru 19, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta waqt il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

Il-11 ta' April, 2006

DEPARTMENT OF CORPORATE SERVICES

The Director of Corporate Services within the Ministry for the Family and Social Solidarity notifies that sealed tender documents will be received in the Tender Box of the Department, situated at the Top Floor (near room 417) at 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, up to 10.00 a.m. on Friday, 5th May, 2006, for:-

Advt. No. 1/2006. Purchase or leasing of pressure seal machines for the Information Management Unit within the Ministry for the Family and Social Solidarity.

Tender documents may be collected against a fee of Lm20 from the Finance Section of the Department at No 19, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta during normal office hours.

11th April, 2006

KUNSILL MALTI GĦALL-I*SPORT*

Il-Kunsill Malti għall-I*sport* sa jgħarraf illi sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, il-25 ta' Mejju, 2006 jintlaqgħu offerti magħluqin għal Xogħlijiet ta' l-ilma fil-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali, Tal-Qroqq.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonjiet jistgħu jinġabru minn nhar il-Ħamis, it-13 ta' April 2006, mill-uffiċċju ta' l-*Accounts* tal-Kunsill Malti għall-I*sport,* Kumpless Sportiv Kottonera, Bormla, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Għandu jsir ħlas ta' Lm20 ma' kull dokumenti ta' l-offerta.

Il-11 ta' April, 2006

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti ghall-Isport notifies that sealed tenders will be received up to noon on Thursday, 25th May, 2006, for Plumbing works at the National Swimming Pool Complex, Tal-Qroqq.

The tender document and conditions can be collected as from Thursday, 13th April 2006, from the Accounts office of the Kunsill Malti ghall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cospicua, during office hours.

A fee of Lm20 has to be paid upon collection of tender documents.

11th April, 2006

DIPARTIMENT TA' L-AGRIKOLTURA

Id-Direttur ta' l-Agrikoltura jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-18 ta' April 2006, fil-Kaxxa ta' l-Offerti fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 03/06. Provvista u konsenja sa massimu ta' mitt (100) tunnellata metrika ta' tiben tal-qamħ u tletin (30) tunnellata metrika ta' tiben tal-ħafur.

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor dwar il-kondizzjonijiet ta' dan il-kuntratt jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Provvisti, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-11 ta' April, 2006

DEPARTMENT OF AGRICULTURE

The Director of Agriculture notifies that:–

Sealed tenders will be received in the Tender Box at the Department of Corporate Services of the Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 18th April 2006, for:–

Advt. No. 03/06. Supply and delivery of up to one hundred (100) metric tones of whole wheat straw and thirty (30) metric tones oat straw.

Forms of tender and other information regarding this tender may be obtained from the Supplies Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, during normal office hours.

11th April, 2006

IL-KUMITAT TAL-*WELFARE*

Is-Segretarju, Kumitat tal-*Welfare,* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-25 ta' April, 2006, fil-kaxxa ta' l-offerti fil-Kumitat tal-*Welfare,* Pjazza Emmanuel S. Tonna, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvista u konsenja ta' siġġu dentali fir-Residenza ta' San Vinċenz de Paule, Ħal Luqa.

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Kumitat tal-*Welfare,* Pjazza Emmanuel S. Tonna, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-11 ta' April, 2006

THE WELFARE COMMITTEE

The Secretary, Welfare Committee, notifies that:

Sealed tenders will be received in the tender box at the Welfare Committee, Pjazza Emmanuel S. Tonna, Floriana, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 25th April, 2006, for the supply and delivery of one dental chair at San Vinċenz de Paule Residence, Luqa.

Tender forms and further information may be obtained from the Welfare Committee, Pjazza Emmanuel S. Tonna, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

11th April, 2006

MINISTERU GĦALL-INVESTIMENT, INDUSTRIJA U T-TEKONOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Iinvestiment, Industrija u t-Tekonoloġija ta' l-Informazzjoni, jgħarraf li sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Mejju, 2006, fil-kaxxa ta' l-offerti li tinsab fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR02, jintlaqgħu proposti biex jiġu analizzati il-*policies* u r-riżorsi ta' l-infrastruttura preżenti għall-industrija tal-*films* f'Malta mibdija mill-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Tekonoloġija ta' l-Informazzjoni.

Kopja ta' l-RFP tista' titniżżel mill-*website* www.miti.gov.mt

Il-11 ta' April, 2006

MINISTRY FOR INVESTMENT, INDUSTRY AND INFORMATION TECHNOLOGY

The Permanent Secretary, Ministry for Investment, Industry and Information Technology, notifies that proposals will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 5th May, 2006, in the tender box located at the Permanent Secretary, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR02, to analise the present infrastructure, policies and resources for the film industry in Malta initiated by theMinistry for Investment, Industry and Information Technology.

A copy of the RFP can be downloaded from the website www.miti.gov.mt

11th April, 2006

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-18 ta' April, 2006 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. PFI Nru. 2226. *Remote injection catheter*.
Kwot. PFI Nru. 2227. *Sheehy vein press*.
Kwot. PFI Nru. 2228. *Biphosphonates*.
Kwot. PFI Nru. 2229. *Visually read blood glucose strips*.
Kwot. PFI Nru. 2230. *Electro surgical electrode tip cleaner*.
Kwot. PFI Nru. 2231. *Tissue adhesive*.
Kwot. PFI Nru. 2232. *Pyrazinamide 500mg tablets*.

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-11 ta' April, 2006

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 18th April, 2006, for:-

Quot. PFI No. 2226. Remote injection catheter.
Quot. PFI No. 2227. Sheehy vein press.
Quot. PFI No. 2228. Biphosphonates.
Quot. PFI No. 2229. Visually read blood glucose strips.
Quot. PFI No. 2230. Electro surgical electrode tip cleaner.
Quot. PFI No. 2231. Tissue adhesive.
Quot. PFI No. 2232. Pyrazinamide 500mg tablets.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

11th April, 2006

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GOZO)

Il-Kunsill Lokali Żebbuġ (Għawdex) jgħarraf illi:-

San-12.30 p.m. ta' nhar it-Tlieta, it-2 ta' Mejju 2006, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. ZGLC 01/06-07. Bini ta' ħitan periferali tat-triq fi Triq Għajn Mħelħel.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dokumenti ta' l-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Knisja, iż-Żebbuġ. L-offerti jinfetħu quddiem il-pubbliku fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-11 ta' April, 2006

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ (Gozo) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Office up to 12.30 p.m. of Tuesday, 2nd May 2006, for:-

Advt. No. ZGLC 01/06-07. Construction of street boundary walls at Triq Għajn Mħelħel.

A fee of Lm5 should be paid for each copy of tender document.

Tender documents and further information may be obtained from the Council's Administrative Office at Triq il-Knisja, Żebbuġ. Offers will be opened at the time of the closing date in the presence of the public.

The Council reserves the right to reject any offer, even the most advantageous one.

11th April, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

577

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Marzu 2005, fl-atti tar-Rikors Numru 939/2004 FS, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Diċembru 2004, fl-ismijiet Maltacom p.l.c. kontra Lee William Glass, mis-soċjetà Kummerċjali Maltacom p.l.c. is-soċjetà esponenti esponiet bir-rispett;

Illi l-kawża fl-ismijiet Maltacom p.l.c. kontra Lee William Glass (Ċit. Numru 2141/97 RCP) ġiet deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Frar 1999, u fl-istess kawża l-konvenut kien ġie kkundannat iħallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' Lm1,433.48 (elf erba' mija u tlieta u tletin lira Maltin u tmienja u erbgħin ċenteżmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 226355 li kien installat fil-fond 25, Triq St. Ursola, Tas-Sliema, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut għadu ma ħallas xejn u b'hekk l-ammont dovut fil-mument huwa tas-sorte fuq indikat, oltre Lm194.66 (mija erbgħa u disgħin liri Maltin u sitta u sittin ċenteżmu), spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa markata Dokument 'A'.....Omissis....

u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm2249.31

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 9th March 2005, in the records of the Application Number 939/2004 FS, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court on the 2nd December 2004, in the names Maltacom p.l.c. against Lee William Glass, by the Commercial company Maltacom p.l.c. the applicant company pleaded with respect;

That the cause in the names Maltacom p.l.c. against Lee William Glass (Writ of Summons Number 2141/97 RCP) was decided by this Court on the 3rd February 1999, and in the same cause the defendant was condemned to pay TeleMalta Corporation the sum of Lm1,433.48 (one thousand four hundred and thirty three liri and forty eight cents), in connection with telephone service number 226355 which was installed in premises 25, St. Ursola Street, Sliema, with interest and with costs.

That from the said sum the defendant has not yet paid anything and thus the amount due at the moment is of the capital indicated, besides Lm194.66 (one hundred ninety four Maltese liri and sixty six cents) costs and professional fees according to the attached tax marked Document 'A'.....Omissis.....

and thus the amount due to the applicant is of Lm2,249.31

(elfejn mitejn u disgħa u erbgħin lira Maltin u wieħed u tletin ċenteżmu) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel referenza għall-artikolu 258 et sequitur, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rikorrenti: Maltacom p.l.c., Telgħet Spencer, Marsa.

Intimat: Lee William Glass, 24, Flat 1, Triq St. Ursola, Valletta.

Ir-Rikors Numru 939/2004 FS, fl-ismijiet Maltacom plc vs Glass Lee William, jinsab differit għall-31 ta' Mejju 2006, fid-9.00 a.m., għan-notifika tal-konvenut.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(two thousand two hundred and forty nine liri and thirty one cents) saving any further interest till the date of effective payment.

That from the date of the judgement there elapsed more than five (5) years and the applicant company has an interest to proceed with the opportune warrants to collect the amount due to it.

Thus the applicant whilst referring to article 258 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12) of the Laws of Malta prays with respect that it be authorized by this Honourable Court to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above indicated.

Applicant: Maltacom p.l.c., Spencer Hill, Marsa.

Respondent: Lee William Glass, 24, Flat 1, St. Ursola Street, Valletta.

The Application Number 939/2004 FS, in the names Maltacom plc vs Glass Lee William has been put off to the 31st May 2006, at 9.00 a.m., in order that the defendant be notified.

Registry of the Superior Courts, today 6th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

578

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Jannar 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

APS Bank Limited (C2192) ta' APS House, St Anne Square, Floriana ppreżentaw talba fis-6 ta' Ottubru 2005 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Ideal Dwellings (Turnkey) Limited (C 20995) ta' Ideal Dwellings, Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbat elef mitejn u tnejn u disgħin lira Maltija u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm4,292.67) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviż Nru 516/05MM) hija differita għall-24 ta' April 2006 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 6 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 17th January 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Articvle 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

APS Bank Limited (C2192) of APS House, St Anne Square, Floriana filed a Claim on the 6th October 2005, whereby they asked the Court to condemn Ideal Dwellings (Turnkey) Limited (C-20995) of Ideal Dwellings, Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija to pay the plaintiff company the sum of four thousand two hundred and ninety two Maltese liri and seventy six cents (Lm4,292.67) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 516/05MM) is put off to the 24th April 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

579

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 102/2002 GCD, fl-ismijiet Panta Marketing & Services Limited vs Pyramid Hotels Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Panta Marketing & Services Limited, Panta House, Birkirkara Road, l-Imsida, ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar 2002, kontra Pyramid Hotels Limited, The Cove, Bay Junction, San Ġiljan, fejn talbu is-soċjetà konvenuta tgħid għaliex għar-raġunijiet premessi fiċ-ċitazzjoni m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża skond it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ;

2. Tikkundanna s-soċjetà konvenuta sabiex tħallas is-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm20,579.39.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjetà konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 102/2002 GCD fl-ismijiet Panta Marketing & Services Limited vs Pyramid Hotels Limited differita għall-5 ta' Mejju 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 6 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 14th March 2006, in the records of the Writ of Summons 102/2002 GCD, in the names Panta Marketing & Services Limited vs Pyramid Hotels Limited ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Panta Marketing & Services Limited, Panta House, Birkirkara Road, Msida, filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court on the 30th January 2002, against Pyramid Hotels Limited, The Cove, Bay Junction, St. Julians, whereby they asked the defendant company why for the reasons premised in the writ of summons this Honourable Court should not:

1. Decide this cause according to the demands of the plaintiff without proceeding to a hearing;

2. Condemn the defendant company to pay the plaintiff company the sum of Lm20,579.39.

With costs and legal interests against the defendant company from now summoned so that a reference to its evidence be made.

The case Writ of Summons Number 102/2002 GCD in the names Panta Marketing & Services Limited vs Pyramid Hotels Limited has been put off to the 5th May 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 6th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

580

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Jannar 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

BAM! Ltd (C22125) ta' 100, Eucharistic Congress Road, Mosta MST 05, ippreżentaw talba fit-30 ta' Settembru 2005 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil MaltaTel Limited (C 33973) ta' 1, Mirabelle, Triq l-Imħar, St Paul's Bay SPB 05 sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef mija u disgħa u sebgħin lira Maltija u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm3,179.24) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 505/05MM) hija differita għall-24 ta' April 2006 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 6 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 17th January 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Articvle 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

BAM! Ltd (C22125) of 100, Eucharistic Congress Road, Mosta MST 05, filed a Claim on the 30th September 2005, whereby they asked the Court to condemn MaltaTel Limited (C-33973) of 1, Mirabelle, Triq l-Imħar, St Paul's Bay SPB 05 to pay the plaintiff company the sum of three thousand one hundred and seventy nine Maltese liri and twenty four cents (Lm3,179.24) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 505/05MM) is put off to the 24ṯh April 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunalscourt

581

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Jannar 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reuben Baldacchino (ID 233568M) ta' 38, L'Accendino, Fr. C. Platter Street, Għajn Dwieli, Paola ppreżentaw talba fil-21 ta' Ġunju 2005 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Jason Briffa ta' Madonna tal-Girgenti, Triq il-Palazz, Baħrija sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn sitt mija u tlieta u tletin lira Maltija (Lm2,633) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviż Nru 382/05MM) hija differita għall-24 ta' April 2006 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 6 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 17th January 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Articvle 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Reuben Baldacchino (ID 233568M) of 38, L'Accendino, Fr. C. Platter Street, Għajn Dwieli, Paola filed a Claim on the 21st June 2005, whereby he asked the Court to condemn Jason Briffa of Madonna tal-Girgenti, Triq il-Palazz, Baħrija to pay the plaintiff company the sum of two thousand six hundred and thirty three Maltese liri (Lm2,633) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 382/05MM) is put off to the 24th April 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

582

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Marzu 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 817/2005 RCP, fl-ismijiet Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) noe vs Cole Foods Limited (C 8549) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) bħala aġenti għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera American House Assurance Company, ippreżentaw Ċitazzjoni fis-7 ta' Settembru 2005, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Cole Foods Limited (C 8549) fejn talbu s-soċjetà konvenuta in vista tal-premess għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddeciedi li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi ta' sbatax il-elf erbgħa mija u sebgħa u ħamsin lira Maltija u tmienja u ħamsin ċenteżmu (Lm17,457.58).

2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lis-soċjetà attriċi.

Bl-interessi dekorribbli mid-data ta' l-ittra uffiċjali.

Bl-ispejjeż kif jingħad fiċ-ċitazzjoni kontra s-soċjetà konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 1st March 2006, in the records of the Writ of Summons Number 817/2005 RCP, in the names Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) noe vs Cole Foods Limited (C 8549) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) as agents in the name and in representation of the foreign firm American House Assurance Company filed a Writ of Summons on the 7th September 2005, in the First Hall Civil Court, against Cole Foods Limited (C8549) whereby they asked the defendant company in view of the premised why this Honourable Court should not;

1. Decide that the defendant company is a debtor of the plaintiff company for seventeen thousand four hundred and fifty seven Maltese liri and fifty eight cents (Lm17,457.58).

2. Condemn the defendant company to pay this amount to the plaintiff company.

With interests to run from the date of this judicial letter.

With costs as stated in the writ of summons against the defendant company from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Soċjetà Konvenuta. A 59, Qasam Industrijali, Marsa.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 817/2005 RCP, fl-ismijiet Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) noe vs Cole Foods Limited (C 8549) tinsab differita għal-10 ta' Mejju 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri illum 6 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Defendant Company: A 59, Industrial Zone, Marsa.

The case Writ of Summons Number 817/2005 RCP, in the names Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) noe vs Cole Foods Limited (C 8549) has been put off to the 10th May 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts today 6th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

583

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti in segwitu għar-rikors ta' Carmelo Saliba, rikors numru 862/2006, Jane Saliba, xebba, bint il-mejtin Joseph Saliba u Giorgia née Farrugia, imwielda u toqgħod il-Mosta, bil-karta ta' l-identità numru 202170(M) ġiet interdetta mill –atti kollha tal-ħajja ċivili.

Reġistru tal-Qori Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 6 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given following an application of Carmelo Saliba, application number 862/2006, Jane Saliba, unmarried, daughter of the late Joseph Saliba and Giorgia née Farrugia, born and residing in Mosta, having identity card number 202170(M) was interdicted from all acts of civil life.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 6th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

584

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Frar 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 397/03 FS, fl-ismijiet Maria Stella Farrugia vs HSBC Bank Malta p.l.c. ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellanti Maria Stella Farrugia u l-Appellati Carmel Joseph Farrugia u Antsat International Limited a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' risposta ppreżentata fil-Qorti ta' l-Appell fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 397/2003 FS, fl-ismijiet Maria Stella Farrugia vs HSBC Bank Malta plc, Carmel Joseph Farrugia u Antsat International Limited għall kull interess li jista' jkollha, HSBC Bank Malta p.l.c. esponew bil-qima;

1. Preġudizzjali

1.1. Illi preliminarjament l-appellat qed iressaq il-preġudizzjali tan-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-appellanti.

1.2. .....Omissis.....

1.3. Meta wieħed jeżamina l-konklużjonijiet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti jsib illi din iddikjarat il-garanzija in kwistjoni bħala nulla fil-konfront ta' l-appellanti, iżda ħallietha valida fil-konfront tal-konvenut l-ieħor Carmel Joseph Farrugia (li

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 28th February 2006 in the acts of the Writ of Summons Number 397/03 FS, in the names Maria Stella Fauugia vs HSBC Bank Malta p.l.c. ordered the following publication for the purpose of service of the appellant Maria Stella Farrugia and the respondents Carmel Joseph Farrugia and Antsat International Limited in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a reply, filed in the Court of Appeal in the records of the Writ of Summons number 397/2003 FS, in the names Maria Stella Farrugia vs HSBC Bank Malta plc, Carmel Joseph Farrugia and Antsat International Limited for any interest she may have, HSBC Bank Malta p.l.c. pleaded with respect;

1. Preliminary

1.1. That in the first place the respondent is bringing forward the preliminary plea of the lack of juridical interest of the appellants.

1.2. .....Omissis.....

1.3. When one examines the conclusions of the Honourable Court of First Instance one finds that it declared the Guarantee in question as null in respect of the appellants but left it valid in respect of the other defendant Carmel Joseph Farrugia (who

huwa żewġha iżda għall-finijiet ta' dan il-ġudizzju huwa l-avversarju tagħha). Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni l-Qorti reġgħet affermat illi s-sentenza fil-kawża 428/2002 JRM kienet valida fil-konfront tal-konvenut Carmel Joseph Farrugia. Il-Qorti mbagħad laqgħet it-talba għar-revoka tas-subbasta.

1.4. Dan għandhu l-effett illi mhux biss il-patrimonju fis-sens tradizzjonali ta' l-appellanti ġie salvagwardat mill-Qorti. Ifisser ukoll illi l-Qorti ssalvagwardat saħansitra d-dritt ta' l-appellanti li ma tiġix disturbata fir-residenza tagħha fid-dar tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Deċiżjoni din li fil-fehma ta' l-appellati mhix fondata legalment, u li minnha qegħdin jappellaw inċidentalment.

1.5. Għalhekk tenut kont ta' kif l-ewwel Qorti ddisponiet mill-vertenza, jista' trankwillament jingħad illi l-appellanti ħarġet rebbieħa għaliex stabbiliet il-prinċipju illi l-patrimonju tagħha u saħansitra anki r-residenza tagħha fid-dar matrimonjali ġiet effettivament protetta mill-azzjonijiet tal-krediturі tar-raġel.

1.6. Għalhekk minn x'hix trid tappella l-appellanti. Is-sentenza ħolqot stat fejn hija ħadet il-protezzjoni kollha tal-liġi, iżda l-Ewwel Qorti qalet li żewġha baqa' tenut taħt il-garanzija impunjata.....Omissis.....

1.7. Għaldaqstant l-esponent appellat jitlob illi din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tikkunsidra u tinvesti din il-preġudizzjali qabel ma tidħol fil-mertu ta' l-appell

2. L-Ewwel Aggravju ta' l-Appellanti.

2.1. Fl-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta li kull konsiderazzjoni taħt l-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili hija irrilevanti għaliex ma nġiebet ebda prova li Carmel Joseph Farrugia kien kummerċjant u li l-garanzija għalhekk kien att relatat man-negozju tiegħu kif kontemplat f'dak l-artikolu.

2.2. L-esponenti ma jaqblu xejn dwar dan, u jissottomettu li l-appellanti qiegħda tiggranfa ma' aspett proċedurali sabiex tagħma lil kulħadd. Il-garanzija mogħtija kienet ingħatat minn Carmel Joseph Farrugia *in security* ta' faċilità bankarja a favur il-kumpannija tiegħu stess u dan mhux att gratuwitu.....Omissis.....

Fil-kawża Ċitazzjoni 428/02 JRM, li s-sentenza fiha tat lok għal dawn il-proċeduri, l-appellat kien illimita l-pożizzjoni tiegħu, billi eskluda huwa stess li huwa kien qed javvanza pretensjoni kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti.....Omissis.....

2.3. Għalhekk fil-verità ma tantx huwa utili li jiġi diskuss dan l-aggravju, għaliex fi kwalunwe każ, l-esponent già bil-pożizzjoni li ħa s'issa irrinunzja għal dik it-triq.

3. It-Tieni Aggravju ta' l-Appellanti.

is her husband but for the purposes of this judgement he is her adversary). As regards the second plea the Court affirmed that the judgementt in the cause 428/2002 JRM, was valid towards the defendant Carmel Joseph Farrugia. The Court then upheld the demand for the revocation of the judicial sale.

1.4. This has the effect that not only the patrimony in the traditional sense of the appellants was safeguarded by the Court. It also means that the Court even safeguarded the right of the appellants that she is not disturbed in her residence in the house of the community of acquests. A decision which in the opinion of the respondents is not legally founded, and from which they are filing an incidental appeal.

1.5. Thus keeping in view as to how the Court of First Instance disposed of the dispute, it can be tranquilly said that the appellant emerged victorious because the principle that her patrimony and even her residence in the matrimonial home was effectively protected from the actions of the creditors of the husband.

1.6. Thus from what does the appellant have to reply. The judgement created a state whereby she took all the protection allowed by law, but the Court of First Instance stated that the husband was still bound under the guarantee which was attacked.....Omissis.....

1.7. Thus the respondent interpellant asks this Honourable Court of Appeal to consider and examine this preliminary plea before dealing on the merit of appeal.

2. The First Grievance of the Appellant.

2.1. In the First grievance the appellants laments that any consideration under article 1324 of the Civil Code is irrelevant because no proof was brought that Carmel Joseph Farrugia was a businessman and that the guarantee was an act related to the business as contemplated in that article.

2.2. The interpellants do not agree at all regarding this and submit that the appellant is holding on with a procedural aspect in order to persuade everyone. The security was given by Carmel Joseph Farrugia in security of a banking facility in favour of his company and this is not a gratuitous act.....Omissis.....

In the cause Writ of Summons 428/02 JRM, whereby the judgement therein given gave rise to these procedures, the respondent limited his position, by excluding that he was bringing forward his claim against the community of acquests.....Omissis.....

2.3. Thus truly it is not very useful that this grievance be discussed, because in any case the interpellant with the position he has taken renounced to that solution.

3. The Third Grievance of the Appellants.

3.1. Mhux l-istess jista' jingħad dwar it-tieni aggravju, li fil-fehma ta' l-esponenti huwa l-pern tal-vertenza kollha. Il-Bank kif già spjegat ħa l-pożizzjoni li meta persuna miżżewġa tissottoskrivi dokument ta' fidejussjoni mingħajr il-konsorti fiż-żwieġ dik il-persuna ti tkun daħlet għal dik l-obbligazzjoni tibqa' marbuta biha, filwaqt li l-konsorti ma tkunx.....Omissis.....

3.2. L-appellanti tagħmel diversi sottomissjonijiet biex issostni dan l-argument u tidħol fil-kwistjoni tal-fatt li garanzija hija oġġett mobbli u li saret gratuwitament.

3.3. L-appellanti fuq dan il-punt għamlet riferenza għas-sentenza 'Angele Calleja vs Claude Calleja' . Bir-rispett jidher li din is-sentenza ma ġietx segwita almenu fil-Prim Istanza minn Awli oħrajn.....Omissis.....

3. 4. L-esponenti jixtiequ wkoll iżidu xi argumenti in meritu. L-istess diċitura tal-Liġi fl-Artikolu 1326 tgħid li l-atti fih imsemmija jistgħu jiġu annullati u mhux li huma nulli. Meta l-Liġi trid tiddikjara xi ħaġa bħala nulla dan tagħmlu.....Omissis.....

3.5. Huwa risaput illi n-nullità ma trid ebda azzjoni u ebda terminu. In-nullità tista' tiġi eċċepita waqt li l-annulabilità trid azzjoni ad hoc.....Omissis.....

Għal dawn il-motivi l-esponenti jissottomettu illi l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

4.1. L-Appell Inċidentali.

4.1. Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-appell ta' l-appellanti sabiex huma stess jinterponu umli appell inċidentali quddiem din l-Onorabbli Qorti. Dan l-appell huwa biss dwar id-dispożittiv tas-sentenza dwar it-tielet talba, u cioé in kwanti l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet l-istess talba u irrevokat l-atti tas-subbasta numru 34/2003 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Carmel Joseph Farrugia et.

4.2. Illi l-parti rilevanti tal-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti fuq dan il-punt kien din;

Għalhekk din il-Qorti taqbel illi l-iskrittura ffirmata mir-raġel hija valida, torbot lilu u għandu jagħmel tajjeb bil-parafernali tiegħu.....Omissis.....

Stante li l-kreditur ma setax jissodisfa l-kreditu tiegħu mill-assi parafernali tad-debitur konvenut, u stante l-kumpanija Antsat m'għandhiex assi, il-Kreditur jista' jdur fuq l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, iżda dan biss sa nofs il-valur tagħha, peress li n-nofs l-ieħor jappartjeni għall-attriċi.....Omissis.....

Jekk is-Subbasta sejra tolqot id-drittijiet residenzjali ta' l-Attriċi, drittijiet diretti u speċifiċi li l-leġiżilatur ried jagħmel

3.1. Not the same can be stated regarding the second grievance, which in the opinion of the interpellant is the crux of the whole dispute. The Bank as already explained took the stand that when a married person subscribes to a guarantee document without the consent of the part in marriage the person that shall have entered that obligation shall remain bound with it, while the partner is not.....Omissis.....

3.2. The appellant makes various submissions to uphold this argument and enters into the question of fact that a guarantee is a movable object and and it was made gratuitously.

3.3. The appellants on this point refer to the judgement 'Angele Calleja vs Claude Calleja'. With all respect it appears that this judgement was not followed.....Omissis.....

3.4. The appellants wish also to add some arguments on the merit. The same wording of the Law in Article 1326 states that the acts therein mentioned can be annulled and not that they are null. When the Law wants to declare something as null it does this.....Omissis.....

3.5. It is well known that nullity does not require any action or term. Nullity can be pleaded whilst annullability requires an action ad hoc.....Omissis.....

For theses motives the appellants submit that the appeal is to be rejected with costs against the appellants.

4.1. The Incidental Appeal

4.1. That the appellants wish to avail themselves from the appeal of the appellants so that they humbly file an incidental appeal before this Honourable Court. This Appeal is only regarding the part of the judgement regarding the third demand and that is as for the Honourable Court of First Instance upheld the same demand and thus revoked the acts of judicial sale number 34/2003 in the names HSBC Bank Malta p.l.c. vs Carmel Joseph Farrugia et.

4.2. That the relevant part of the considerations of the Court of First Instance on this point was this;

Thus this Court agrees that a writing signed by the husband is valid, binds him and he is to guarantee with his paraphernal property.....Omissis.....

Since the creditor could not satisfy his credit from the assets of the defendant debtor, and since the company Antsat does not have any assets, the Creditor can turn on the assets of the community of acquests, but this up to one half of the value, because the other half appertains to the plaintiff.....Omissis.....

If the Judicial Sale shall effect the residential rights of the plaintiff, rights direct and specific rights which the

meta introduċa l-emendi relativi għax altrimenti xi protezzjoni jkun ta' leġiżlatur lill-mara jekk lanqas biss ma jipproteġiha fir-residenza f'każ bħal dan.....Omissis.....

4.3. Illi l-aggravju ta' l-esponenti huwa ċar u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti ħolqot kunċett ġdid tad-dritt residenzjali u tatu forza li mhix intenzjonata millliġi. Il-Qorti argumentat illi meta jiġi applikat l-artikolu 1329(1) il-parti l-oħra f'dan il-każ l-appellanti ma tistgħax tiġi mfixkla mit-tgawdija tagħha tan-nofs tagħha talkomunjoni ta' l-akkwisti. Kwindi billi s-subbasta in kwistjoni se jkollha l-effett illi l-proprejtà tinbiegħ, u l-appellanti tiġi effettivament sfrattata mir-residenza tagħha, għandu jsegwi, li s-subbasta trid tieqaf.

4.4. L-esponenti ma jistgħux jaċċettaw din it-teżi. Jekk jiġi assodat li l-artikolu 1329(1) huwa soġġett għad-dritt ta' tgawdija tal-konsorti aggravata dan jiġi reż kompletament inutili u għal kollox lettera morta. Huwa risaput illi ż-żewġ konjugi fiż-żwieġ għandhom it-tgawdija effettiva ta' dak kollu li jifforma l-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan ma japplikax biss għall-proprjetà immobiljari imma għall-eżempju anki kont bankarju.....Omissis.....

Kwindi l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ta' kif japplika dan l-artikolu m'għandhiex bażi legali sostenibbli.

4.5. Iżda l-aggravju l-aktar qawwi huwa l-ewwel Onorabbli Qorti injorat bl-iktar mod lampanti it-tieni inċiż ta' l-istess Artikolu li jiddisponi;

Bla ħsara għall-jedd tal-parti miżżewwġa lid-debitur li jitlob is-separazzjoni ġudizzjarja tal-beni l-parti miżżewwġa lid-debitur ma jkollhiex jedd topponi għall-att li jinforza xi kreditu kontra xi beni tad-debitur jew tal-komunjoni ta' l-akkwisti ħlief meta l-beni li fuqhom tkun qiegħda ssir l-eżekuzzjoni jkunu beni parafernali ta' dik il-parti miżżewġa lid-debitur.

4.6. F' dan it-tieni inċiż naraw kif il-leġiżlatur ħaseb għassitwazzjoni kontemplata mill-Ewwel Onorabbli Qorti u ta s-soluzzjoni minnufih. Minn dan il-bran huwa manifest li l-appellanti m'għandha ebda dritt li topponi għall-eżekuzzjoni (is-subbasta imsemmija) già ladarba din mhix se tolqot beni parafernali tagħha. Kwindi din il-parti tas-sentenza appellata għandha tiġi revokata.

Għal dawn il-motivi l-esponenti qegħdin jappellaw inċ identalment li prevja li tilqa' l-appell inċidentali din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferemaha in kwantu laqgħet l-ewwel talba attriċi u billi ċaħdet it-tieni talba, iżda tirrevokaha in kwantu laqgħet it-tielet talba ta' l-attriċi billi tiddeċiedi li din it-tielet talba għarrevoka ta' l-atti tas-subbasta 34/2003 fl-ismijiet HSBC Bank

legislator wanted to make when he introduced the relative amendments because otherwise what protection will the legislator have given the wife if he does not protect her in the residence in a case like this.....Omissis.....

4.3. That the grievance of the applicant is clear and manifest and consists in that the Honourable Court of First Instance created a new concept of the right of residence and gave it a force which is not intended by law. The Court argued that when Article 1329 (1) is applied the other party in this case the appellant cannot be obstructed in the enjoyment of her half of the community of acquests. Therefore although the judicial sale in question shall have the effect that the property is sold, and that the appellants is effectively disturbed from her residence, it follows that the judicial sale must stop.

4.4. The appellants cannot accept this thesis. If it is confirmed that article 1329(1) is subject to the right of enjoyment of the party aggrieved this is rendered completely useless and a complete dead letter. It is known that the two spouses in marriage have the effective enjoyment of all that forms part of the community of acquests. This applies not only to immovable property but also for example to a bank account.....Omissis.....

Thus the interpretation given by the Honourable Court of First Instance as to how this Article applies does not have a sustainable legal Basis.

4.5. However the most serious grievance is that the Honourable First Court ignored in the most clear manner the second section of the same Article which provides;

Without any detriment to the right of the married party of the debtor to ask for judicial separation of the property the party married to the debtor shall not have the right to oppose an act which enforces any credit against any property of the debtor or of the community of acquests except when the property on which execution is being made is paraphernal property of that party married to the debtor.

4.6. In this second instance we see how the legislator thought about the situation contemplated by the Honourable Court of First Instance and provided the solution immediately. From this section it is clear that the appellant has no right to oppose the execution (the judicial sale mentioned) once this shall not affect her paraphernal property. Thus this part of the judgement appealed is to be revoked.

For these motives the interpellants are appealing Incidentally that saving the upholding of the Incidental appeal this Honourable Court shall reform the judgement appealed by confirming it in so far as it upheld the first demand of the plaintiff and by rejecting the second demand, but revoke it in so far as it upheld the third demand of the plaintiff by deciding that this third demand for the revocation of the acts of judicial

Malta p.l.c. vs Carmel Farrugia et tiġi miċħuda, u dana bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

Notifiki: 1. Maria Stella Farrugia
'Charlestellville', New Street in Triq l-Isfar, Marsaskala.

2. Carmel Joseph Farrugia
'Charestellville' , New Street in Triq l-Isfar, Marsaskala.

3. Antsat International Ltd.
' Charlestellville', New Street in Triq l-Isfar, Marsaskala.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appelli) illum 7 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

sale 34/2003 in the names HSBC Bank Malta pl.c. vs Carmel Farrugia et be rejected and this with costs against the appellants.

Notify: 1. Maria Stella Farrugia
'Charlestellville', New Street in Triq l-Isfar, Marsaskala.

2. Carmel Joseph Farrugia
'Charestellville', New Street in Triq l-Isfar, Marsaskala.

3. Antsat International Ltd.
'Charlestellville', New Street in Triq l-Isfar, Marsaskala.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 7th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

585

B'digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April 2006 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 13 ta' Ġunju 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-21 ta' Lulju 2004 li għandu jsir fil- kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fondi hawn taħt deskritti.

Il-ħanut bla numru, magħruf bħala 'Compuware', fi Triq ir-Riħan, Fgura stmat li jiswa Lm28,500.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Jason Coleiro.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta mill-A.I.C David P. Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-18 ta' Frar 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' April 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 4th April 2006 on the application of Bank of Valletta p.l.c. Tuesday 13th June 2006 from 9.00 a.m to twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 21st July 2004 to be held in the corridor of these Courts of the following properties.

Unnumbered shop known as 'Compuware', in Triq ir-Riħan, Fgura valued at Lm28,500.00c0.

The said property belongs to Jason Coleiro.

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by David P. Pace A&CE on the 18th February 2005.

Registry of the Superior Courts, this 6th day of April 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

586

B'digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April 2006 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 15 ta' Ġunju 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-20 ta' Jannar 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fondi hawn taħt deskritti.

L-appartament internament immarkat bin-numru 17, formanti parti minn blokk ta' appartamenti magħruf bħala 'Lily Flats', fi Triq Patri Ġużepp Delia, Buġibba fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar stmat li jiswa Lm10,500.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Alaadin Adel u Maryanne konjugi Hazzouri.

By decree given by the Civil Court First Hall on the 4th April 2006 on the application of Bank of Valletta p.l.c. Thursday 15th June 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th January 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following properties.

Apartment internally marked 17, forming part of a block of apartments known as 'Lily Flats' in Triq Patri Ġużepp Delia, Buġibba limits of St Paul's Bay valued at Lm10,500.00c0.

The said property belongs to Alaadin Adel and Maryanne spouses Hazzouri.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta mill-A.I.C Anthony V. Stivala fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-19 ta' Awissu 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' April 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Anthony V. Stivala A&CE on the 19th August 2005.

Registry of the Superior Courts, this 6th day of April 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

587

B'digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April 2006 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 11 ta' Mejju 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-17 ta' Awissu 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond bin-numru 43, Triq San Ġwann, Bormla, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm2.00c0 stmat li jiswa Lm36,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Kevin Grech.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta mill-A.I.C Godwin P. Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-26 ta' Settembru 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' April 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 4th April 2006 on the application of Bank of Valletta p.l.c. Thursday 11th May 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 17th August 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following properties:

Tenement number 43, Triq San Ġwann, Cospicua as being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm2.00c0, valued at Lm36,000c0.

The said property belongs to Kevin Grech.

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Godwin P. Abela A&CE on the 26th September 2005.

Registry of the Superior Courts, this 6th day of April 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

588

B'digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April 2006 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 1 ta' Ġunju 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-17 ta' Ġunju 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fondi hawn taħt deskritti.

a) Il-garaxx internament markat bin-numru 14, fil-livell basement, formanti parti minn korp ta' garaxxijiet aċċessibli minn drive-in privata bla numru estern u bla isem, li tagħti għal Triq Strickland, Ħaż-Żabbar stmat li jiswa Lm6,000.00c0.

b) Il-garaxx internament immarkat bin-numru 21, fil-livell basement, formanti parti minn korp ta' garaxxijiet aċċessibbli minn drive-in privata bla numru estern u bla isem, li tagħti għal Triq Strickland, Ħaż-Żabbar stmat li jiswa Lm5,750.00c0.

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lil Silvio u Ruth miżżewġin Brincat u Paul Chetcuti.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta

By decree given by the Civil Court First Hall on the 4th April 2006 on the application of Bank of Valletta p.l.c. Thursday 1st June 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 17th June 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following properties.

a) Garage internally marked 14, at basement level, forming part of complex of garages accessible from an unnumbered drive-in without name, abutting on Strickland Street, Żabbar, valued at Lm6,000.00c0.

b) Garage internally marked 21, at basement level, forming part of complex of garages accessible from an unnumbered drive-in without name, abutting on Strickland Street, Żabbar, valued at Lm5,750.00c0.

The said properties belong to Silvio & Ruth spouses Brincat and Paul Chetcuti

N.B. The said tenements will be sold as described in the

mill-A.I.C Albert Borg Costanzi fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-5 ta' Settembru 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' April 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

report sworn to by Albert Borg Costanzi A&CE on the 5th September 2005.

Registry of the Superior Courts, this 6th day of April 2006.

VINCENT ATTARD
For the Regsitrar, Civil Courts and Tribunals

589

B'digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April 2006 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 11 ta' Mejju 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fondi hawn taħt deskritti.

a) Il-fond bin-numru 5, fi Triq l-Isqof Mauro Caruana, il-Furjana stmat li jiswa Lm14,876.00c0.

b) Il-fond bin-numru 6, fi Triq l-Isqof Mauro Caruana, il-Furjana stmat li jiswa Lm98,235.00c0.

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lil Hallett Construction Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta mill-A.I.C Renato La Ferla fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-29 ta' Settembru 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' April 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 4th April 2006 on the application of Bank of Valletta p.l.c. Thursday 11th May 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 15th June 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following properties.

a) Tenement number 5, Bishop Mauro Caruana Street, Floriana valued at Lm14,876.00c0.

b) Tenement number 6, Bishop Mauro Caruana Street, Floriana valued at Lm98,235.00c0.

The said properties belong to Hallett Construction Limited.

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Renato La Ferla A&CE on the 29th September 2005.

Registry of the Superior Courts, this 6th day of April 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

590

B'digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April 2006 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 1 ta' Ġunju 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-20 ta' Frar 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fondi hawn taħt deskritti.

a) Il-maħżen bin-numru 35, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa stmat li jiswa Lm68,000.00c0

b) Il-maħżen bin-numru 36, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa stmat li jiswa Lm78,250.00c0

ċ) L-entratura bin-numru 37, bit-taraġ għall-ewwel sular u l-akkomadazzjoni li minnha tista' tintleħaq inklużi t-terrazzini li huma żviluppabbli, sitwat fi Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa Lm220,000.00c0

d) Il-maħżen bin-numru 38, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa stmat li jiswa Lm104,000.00c0

e) L-Utili Dominju għaż-żmien li fadal minn dak ta' 150

By decree given by the Civil Court First Hall on the 4th April 2006 on the application of Bank of Valletta p.l.c. Thursday 1st June 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th February 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following properties.

a) Warehouse number 35, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued Lm68,000.00c0

b) Warehouse number 36, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued Lm78,250.00c.0

c) Entrance number 37, including the staircase leading to the first floor and the property from which the overlying developments are reached in Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa, valued at Lm220,000c0

d) Warehouse number 38, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at Lm104,000c0

e) The Utile Dominium for the remaining period from 150

sena li beda jiddekori mit-18 ta' Novembru 1953 tal-maħżen bin-numru 39/40, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa Lm162,000.00c.0

f) L-Utili Dominju għaż-żmien li fadal minn dak ta' 150 sena li beda jiddekori mit-18 ta' Novembru 1953 tal-maħżen bin-numru 41, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa Lm187,000.00c.0

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lil John Abela (1883) & Sons Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta mill-A.I.C Joseph M. Jaccarini fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-15 ta' Mejju 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' April 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

years commencing on the 18th November 1953 of warehouse 39/40, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at Lm162,000c0

f) The Utile Dominium for the remaining period from 150 years commencing on the 18th November 1953 of warehouse 41, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at Lm187,000c0

The said properties belong to John Abela (1883) & Sons Limited.

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Joseph M Jaccarini A&CE on the 15th May 2003.

Registry of the Superior Courts, this 6th day of April 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

591

EDITT GĦAL AHBARIJIET DWAR PERSUNI ASSENTI

fit-termini ta' l-artikolu 195 tal-Kap 16 maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum l-10 ta' April 2006

BILLI Marisa Attard proprio et nomine b'rikors ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2006 (Rikors numru 19/2006(CSH) fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja talbu l-ħatra ta' kuratur għall-assenti Joseph Mercieca, bin il-mejtin Salvatore Mercieca u Maria née Grech, imwieled Nadur, Għawdex, liema persuna kienet tabita Għawdex u li emigra minn Malta lejn l-Awstralja fis-snin tletinijiet, u li miegħu r-rikorrenti ma kellhom ebda kuntatt.

Kull min għandu aħbarijiet li 'l fuq imsemmija persuna għadha ħajja, huwa mitlub li jagħtihom lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja sabiex din il-Qorti tkun taf bihom, fi żmien xahar li jibda jgħodd minn dakinhar li joħroġ dan l-editt fil-Gazzetta tal-Gvern.

Din hija l-ewwel darba minn darbtejn li dan l-editt qiegħed jiġi pubblikat, u dan ai termini ta' l-artikolu 195 tal-Kodiċi Ċivili.

B'ordni tal-Qorti.

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur

EDICT FOR INFORMATION RESPECTING ABSENT PERSONS

in terms of section 195 Chapter 16 issued from the Registry of the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction.

This 10th April 2006

WHEREAS Marisa Attard proprio et nomine by an application filed on the 10th March 2006 (Application number 19/2006(CSH) in the Court of Magistrates (Gozo), in its Voluntary Jurisdiction, requested the appointment of a curator for the absentee Joseph Mercieca, son of Salvatore Mercieca and Maria née Grech, born in Nadur, Gozo, who used to reside in Gozo and who emigrated from Malta to Australia in the thirties, and with whom applicants have had no contact.

Whosoever has any news of the existence of the above said person is required to communicate it to the Registrar of the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction, for the information of the said Court, within one month from the day of the publication of this edict in the Government Gazette.

This is the first of two instances that this edict is being published, and this in terms of section 195 of the Civil Code.

By order of the Court.

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar

592

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-27 ta' Frar 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Frank Borda Limited (C446) ta' Testaferrata Street, l-Imsida, ippreżentaw Talba fil-15 ta' Diċembru 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carmelo Sghendo (ID 501466M) u Carmen Sghendo (ID 101266M) ta' Flat 7, Ent 1, Binja Vista, Triq G Dimech Debono, Birkirkara, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tnejn u sittin lira Maltija u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm162.93) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (1969/05DC) hija differita għall-24 ta' April 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 10 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 27th February 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Frank Borda Limited (C446) of Testaferrata Street, Msida filed a Claim on the 15th December 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Carmelo Sghendo (ID 501466M) and Carmen Sghendo (ID 101266M) of Flat 7, Ent 1, Binja Vista, Triq G Dimech Debono, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and sixty two Maltese liri and ninty three cents (Lm162.93) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1969/05DC) is put off on the 24th April 2006 at 12.30 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

593

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tas-6 ta' Marzu 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fis-26 ta' Jannar 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Maria Dolores Grima (ID 609064M) ta' 178, St Mary Flat 2, Triq Luqa Briffa, il-Gżira, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u sitta u ħamsin lira Maltija (Lm356) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (63/06DC) hija differita għall-24 ta' April 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 10 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 6th March 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 26th January 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Maria Dolores Grima (ID 609064M) of 178, St Mary, Flat 2, Triq Luqa Briffa, Gżira, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and fifty six Maltese liri (Lm356) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 63/06DC) is put off on the 24th April 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*